21 ta' Mejju, 1947.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

Nutar Giuseppe Saydon *versus* Onor. Edgar Cuschieri, O.B.E., ne. (*)

**Qorti Kolleġġjali — Nutar — Arkivista — Attorney General — Kap ta' Dipartiment — Sentenza Digriet — Appell — Illeġittimità tal-Persuna — Art. 180 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, u art. 113 u 114 tal-Liġi Notarili (Kap. 92).**

*F'każ ta' appell minn sentenza, jew digriet, jew ordni ieħor, mogħtija mill-Qorti Kolleġjali tar-Reviżjoni ta' l-Attijiet tan-Nutari, jekk l-Appell isir mill-Attorney General għandu jsir in kontestazzjoni tan-nutar interessat; u jekk isir min-nutar jew mill-arkivista, għandu jsir in kontestazzjoni ta' l-Attorney General.*

*Kull Kap ta' Dipartiment huwa persuna leġittima biex jirrappreżenta l-Gvern għal żi att konness mal-funzjonijiet tiegħu; u għalhekk*

*ebda Kap ta' Dipartiment ma huwa persuna leġittima biex jikkontesta kawża li għandha bħala oġġett atti li ma humiex konnessi mal-funzjonijiet tiegħu. U għalhekk ebda Kap ta' Dipartiment ma huwa persuna leġittima biex jikkontesta reklam magħmul minn nutar kontra digriet tal-Qorti Kolleġjali ħlief l-Attorney General.*

Il-Qorti — Rat ir-rikors tan-Nutar Giuseppe Saydon fejn espona illi fil-viżita ta' l-atti minnu riċevuti ma' tul it-tieni sitt xhur tas-sena 1945 u l-ewwel sitt xhur tas-sena 1946, il-Qorti Kolleġjali tar-Reviżjoni ta' l-attijiet tan-nutari, b'digriet tat-8 ta' Frar 1947, ikkundannat lill-appellant għall-multa ta' £7 peress li rriteniet li naqas li jottempera ruħu għall-art. 28 (2) tal-Kap. 70 tal-Liġijiet ta' Malta fl-attijiet indikati f'dak ir-rikors; u talab ir-revoka ta' dak id-digriet, bl-ispejjeż kontra l-intimand, għar-raġunijiet hemm anki speċifikati;

Rat ir-risposta ta' l-Onorevoli Edgar Cuschieri nomine, fejn eċċepixxa l-illeġittimità tal-persuna tiegħu biex jikkontesta dan l-appell; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi l-liġi applikabili f'dan il-każ hija l-liġi li tirregola l-professjoni notarili (Kap. 92), fil-parti tagħha VI, fejn fl-artikolu 113 hemm dispost illi wara li l-Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Attijiet Notarili tkun tat id-deċiżjoni tagħha r-Reġistratur għandu fi żmien xahar mid-data ta' kull deċiżjoni, digriet jew ordni, u ta' l-applikazzjoni ta' pieni dixxiplinari, jieħu ħsieb jinnotifika b'kopja ta' dik id-deċiżjoni, digriet jew ordni, jew b'avviż ta' dik l-applikazzjoni, lill-Attorney General u lill-Arkivist jew Nutar ieħor li jkollu interess, anki jekk ġew mogħtija fil-preżenza tagħhom; u mbagħad l-artikolu ta' wara, 114, jgħid illi "f'kull każ l-Attorney General jista', fi żmien 30 ġurnata min-notifika tal-kopja jew avviż imsemmijin fl-artikolu ta' qabel dan, b'rikors quddiem il-Qorti ta' l-Appell, jappella mid-deċiżjonijiet, digrieti jew ordnijiet, kif ukoll minn kundanni għal pieni dix-

(*) Ara sentenza in re "Nutar Giuseppe Saydon vs. Onor. Dr. Louis Galea ne." maqtugħa mill-Qorti ta' l-Appell tal-Maestà Tiegħu r-Re (Awla Ċivili) b'sentenza tat-2 ta' Frar, 1948.

xiplinari, mogħtijin mill-Qorti Kolleġjali hawn fuq imsemmija jew minn wieħed mill-Viżitaturi waħdu. L-istess jedd ta' appell għandu n-nutar jew l-arkivista li għalih tkun tirriferixxi dik id-deċiżjoni, jew dak id-digriet jew ordni;

Tikkunsidra;

Illi minn dan jidher ċar illi l-liġi tat dak id-dritt ta' l-appell lill-Attorney General, jew in-nutar jew l-arkivista skond il-każ; u għalhekk ir-raġuni trid illi dak l-appell, jekk ikun ta' l-Attorney General, isir in kontestazzjoni tan-nutar interessat; u jekk ikun ta' dan, isir in kontestazzjoni ta' l-Attorney General. Għalhekk mhux aċċettabili dak li ssottometta l-appellant illi dan l-appell jista' jsir mingħajr ma jkun hemm kontradittur, għaliex dan, barra milli huwa eskluż mill-ispirtu u u mir-raġuni fondamentali li jinfurmaw il-liġi, huwa anki kontra l-kliem ta' l-istess liġi;

Tikkunsidra;

Illi, kif irriteniet dina l-Qorti in re "Falzon vs. Galizia nomine" fl-20 ta' Novembru 1931 (App. Kumm.), il-Kap ta' Dipartiment huwa l-persuna leġittima biex jirrappreżenta l-Gvern għal xi att konness mal-funzjonijiet tiegħu, u dan in bażi għall-artikolu 180 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, minn fejn jidher illi l-Kap tad-Dipartiment jista' jippreżenta attijiet ġudizzjali konnessi mad-dipartiment tiegħu (ara wkoll sentenza ta' din il-Qorti "Borg vs. Merewether" tat-3 ta' Novembru 1909, fejn ġie ritenut illi l-Lieutenant Governor mhux persuna leġittima biex jirrappreżenta l-Gvern f'kawża li għandha bħala oġġett att konness mal-funzjonijiet ta' Kap ieħor ta' Dipartiment. Għalhekk hija mingħajr bażi s-sottomissjoni ta' l-appellant illi tant l-Attorney General kemm it-Teżorier jirrappreżentaw il-Gvern;

Tikkunsidra;

Illi peress li l-liġi fuq imsemmija tat dak id-dritt ta' l-appell lill-Attorney General, jidher ċar illi tefgħet fil-funzjonijiet ta' dak il-Kap ta' Dipartiment dawn ir-reklami, u għalhekk il-kontestazzjoni kellha ssir kontra dak il-Kap tad-Dipartiment, u mhux kontra ieħor;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tilqa' l-eċċezzjoni ta' l-appellant ta' illeġittimità tal-persuna, u għalhekk tiddikjara illi l-appellat huwa persuna illeġittima li jikkontesta dan l-appell; u *għalhekk* tillibera lill-istess appellat mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjes.